**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSETTE DEMICOLI LL.D**

**Il-Pulizija**

**(Spettur William Scicluna)**
**(Spettur Matthew Vella)**

**Vs**

**Josemar Borg**

Kump. Nru: 808/2015

**Illum 13 ta' Marzu 2019**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' Josemar Borg, detentur ta' karta tal-identita` bin-numru 0343286 (M) akkuzat talli:

F'dawn il-Gzejjer, f'Awwissu 2012 u fix-xhur ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jisrku l-istess disposizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, approprajt ruhek, billi dawwart bi profit ghalik jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn hamest elef euro (€5,000) taht titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha speficikat, liema somma giet fdata lilek minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghek, ghad-dannu tal-kumpanija ARRIVA Malta Limited u/jew Malta Public Transport.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-Ligi, todna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti.

Rat in-nota ta' rinviju ghall-gudizzju mibghuta mill-Avukat Generali li permezz taghha baghat lill-imputat sabiex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub taht:

1. Fl-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta
2. Fl-artikoli 17 u 31 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat li l-imputat iddikjara li m'ghandux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda.

Semghet is-sottomissjonijiet.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat jinsab akkuzat bir-reat ta' approprjazzjoni indebita.

Illi jehtieg li din il-Qorti tirreferi ghall-fatti kif jirrizultaw mill-atti processwali b'mod kronologiku:

- L-imputat kien impjegat mal-kumpanija Arriva mit-23 ta' Novembru 2011 sat-13 ta' Awwissu 2012[1] bhala xufier .
- Carmen Galea tixhed[2] li l-imputat ma kienx qieghed jitfa' l-flus fi scan machine tal-bejgh tal-biljetti u kellmuh l-ewwel darba fil-31 ta' Jannar 2012. Dakinhar l-ammont kien ta' €1,450. Hija tixhed li kellmuh diversi drabi u finalment l-ammont kien €7,422.12[3].
- Fil-31 ta' Jannar 2012 giet iffirmata skrittura[4] mill-imputat fejn permezz taghha hemm indikat li l-imputat kellu jaghti l-ammont ta' €1,450 lill-kumpanija Arriva sa dik id-data. Huwa obbliga ruhu li jiddepozita l-ammont ta' €450 fl-iscan machine fl-10 ta' Marzu 2012 u awtorizza lill-kumpanija tnaqqas s-somma ta' €200 fix-xahar mill-paga mid-29 ta' Frar 2012.
- Infatti fid-9 ta' April 2012 giet iffirmata skrittura intitolata, "*Obbligazzjoni ta' Radd Lura ta' Flus*" fl-ammont ta' tlett elef mitejn u sitta u tletin Ewro u disgha u disghin centezimu (€3,236.99)[5] mill-istess Josemar Borg, fil-prezenza ta' dirigenti tal-istess kumpanija Patrick Cassar li dak iz-zmien kien jokkupa l-posizzjoni ta' *Finance Director* kif ukoll ta' Carmen Galea li dak iz-zmien kienet tokkupa l-kariga ta' *Cash Controller*.
- Din l-iskrittura giet segwita b'skrittura ohra datata 10 ta' Mejju 2012 fejn jinghad li l-ammont dovut mill-imputat lill-kumpanija gie awmentat ghal erbat elef, erba'

---

[1] Dok JS a fol 46 tal-process

[2] Seduta tal-15 ta' Frar 2017

[3] Dok CG8

[4] Dok CG 2 a fol 54 tal-process u Dok CG3 a fol 55 tal-rocess

[5] Dok CG4 a fol 56 tal-process

mija u dsatax-il Euro u disgha u erbghin centezmi (€4,419.49)[6] liema skrittura giet iffirmata mill-imputat u mill-istess dirigenti tal-kumpanija.

- Din l-iskrittura giet segwita b'skrittura ohra datata 8 ta' Gunju 2012 fejn jinghad li l-ammont dovut mill-imputat lill-kumpanija sas-26 ta' Marzu 2012 gie awmentat ghal hamest elef u dsatax-il Euro u disgha u hamsin centezmu (€5,019.59)[7] liema skrittura giet iffirmata mill-imputat u mill-istess dirigenti tal-kumpanija.
- Din l-iskrittura giet segwita b'skrittura ohra datata 3 ta' Awwissu 2012 fejn jinghad li l-ammont dovut mill-imputat lill-kumpanija sat-30 ta' Marzu 2012 gie awmentat ghal sitt elef u mitejn u ghoxrin Euro u tmienja u erbghin centezmu (€6,220.84)[8] liema skrittura giet iffirmata mill-imputat u mill-istess dirigenti tal-kumpanija.
- L-imputat irrilaxxja stqarrija fl-24 ta' Lulju 2015. Din il-Qorti tqis li ghandha tigi skartata u dan peress li l-imputat ma kienx assistit minn avukat waqt l-interrogatorju. Dan abbazi ta' dak deciz fis-sentenza fl-ismijiet **Christopher Bartolo vs Avukat Generali** deciza mill-Qorti Kostituzzjonali fil-5 ta' Ottubru 2018; kif ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Claire Farrugia** deciza fl-20 ta' Novembru 2018; kif ukoll **Il-Pulizija vs Aldo Pistella**[9]**.**

Ikkunsidrat:

Illi l-imputazzjoni addebitata fil-konfront tal-imputat hija dik ta' approprjazzjoni indebita.

Ghar-rigward tar-reat ta' misapproprazzjoni referenza ssir ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Enrico Petroni u Edwin Petroni**[10] fejn il-Qorti elenkat l-elementi ta' dan ir-reat:

"*Dana ir-reat isehh meta wiehed (1) jircievi flus jew xi haga ohra minghand xi hadd; (2) bl-obbligu li jrodd dawk il-flus jew din ix-xi haga lura jew li jaghmel uzu minnhom b'mod specifiku; (3) u minflok ma jaghmel hekk idawwar dawk il-flus jew dak l-oggett bi profitt ghalih jew ghal haddiehor."*

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Dr Siegfried Borg Cole**[11] il-Qorti ta' l-Appell Kriminali rriteniet li:

---

[6] Dok CG5 a fol. 61 tal-process – vide xhieda ta' Carmen Galea

[7] Dok CG6 a fol. 65 tal-process – vide xhieda ta' Carmen Galea

[8] Dok CG7 a fol. 71 tal-process – vide xhieda ta' Carmen Galea

[9] Qorti Kostituzzjonali deciza fl-14 ta' Dicembru 2018

[10] Deciza 9 ta' Gunju, 1998. Ara wkoll The Police vs Keith Arthur Mayho deciza fl-4 ta' Frar 2013

[11] 23 ta' Dicembru 2003

*"[…F]il-kaz ta' flus li jkunu qed jinzammu minn xi hadd biex dawn eventwalment jigu ritornati lil sidhom, in nonrestituzzjoni taghhom tista' tammonta ghal approprjazzjoni indebita […]. Kif spjega Luigi Majno: Finalmente, a costituire il delitto di appropriazione indebita e` necessario il dolo. Trattandosi di delitto contro la proprieta`, a scopo d'indebito profitto per se` o per un terzo, il dolo sara` costituito dalla volontarieta` della conversione con scienza della sua illegittimita`, e dal fine di lucro onde colui che si appropria o rifiuta di consegnare, nella ragionevole opinione d'un diritto proprio da far valere, non commette reato per difetto di elemento intenzionale, Per la stessa ragione, e per difetto inoltre di elemento obiettivo, non incorrera` in reato chi ne disporre della cosa altrui abbia avuto il consenso del proprietario o ragionevole opinione del consenso medesimo.* ***Il dolo speciale nel reato di appropriazione indebita e` (come del furto e nella truffa) l'animo di lucro, che deve distinguere appunto il fatto delittuoso, il fatto penale, dal semplice fatto illegittmo, dalla violazione del contratto, dell'inadempimento della obbligazione: osservazione questa non inopportune di fronte alle esagerazioni della giurisprudenza ed ai deviamenti della pratica giudiziale, che diedero spesse volte l'esempio di contestazioni di indole civile trasportate affatto impropriatmente in sede penale.*** *Rettamente pertanto fu guidicato non commettere appropriazione indebita (e neppure il delitto di ragion fattasi, per mancanza di violenza) il creditore che trattiene un oggetto di spettanza del suo debitore a garanzia del credito; l'operaio che avendo ricevuto materiale prima da lavorare, si rifiuta, perche` non pagato dal committente, di proseguire nel lavoro e di rendere la materiale ricevuta; l-incaricato di esigere l'importo di titoli, che non acendo potuto compiere tale esazione, trattiene I titoli a garanzia del dovutogli per le pratiche inutilmente fatte allo scopo di esigere. In generale la giurisprudenza e` costante ne richiedere come elemento costitutivo imprescindibile il dole"*[12]

Mill-provi prodotti jirrizulta li l-imputat waqt li kien jahdem bhala xufier mal-kumpanija Arriva kien jinghata numru, dak li jissejjah driver i.d. Id-driver kien jinghata pin u kif jitla' fuq it-trakk, idahhal il-pin tieghu u jibda jbiegh il-biljetti. B'hekk fis-sistema tal-kumpanija jibda jirrizulta kemm kull xufier qed ibiegh biljetti, f'liema hin u minn fuq liema karozza tal-linja. Carmen Galea tispjega li meta xufier jispicca x-xaft tieghu jmur id-depot il-Furjana u jitfa' l-flus tal-biljetti li jkun biegh fl-iscan machine u ghalhekk meta jsir il-paragun bejn il-biljetti li jkunu nbieghu ghall-flus li gew depozitati, il-kumpanija tkun taf jekk il-flus li kellhom jigu depozitati fil-fatt hekk sar. B'hekk gara li d-dirigenti tal-kumpanija ndunaw li l-imputat kien qieghed izomm ammont ta' flus ghalih billi ma kienx qieghed jiddepozita kollox.

[12] The Police vs Keith Arthur Mayho deciza fl-4 ta' Frar 2013

**Carmen Galea** f'isem Malta Public Transport xehdet[13] li l-imputat kien xufier mal-kumpanija Arriva Malta Limited. Spjegat kif kienet tahdem is-sistema. Hija qalet li l-imputat ma kienx jiddepozita l-flus kollha tal-biljetti mibjugha fuq il-karozza u kwindi huwa gie avvicinat l-ewwel darba fil-31 ta' Jannar 2012. Meta gie kkonfrontat li kellu jrodd l-ammont ta' €1,450 huwa ammetta u ffirma l-karta u ftehmu li se jibda jhallas ammont mill-paga. Il-kumpanija waslet ghall-ammont mis-sistema tal-kumpanija. Tixhed li l-imputat gie mitkellem diversi drabi u finalment kellu jaghti l-ammont ta' €7,422.12. Xehdet li l-original tal-karti li ffirma l-imputat kollha inghataw lilu.

**L-imputat**, xehed f'dawn il-proceduri[14] u qal li huwa dam jahdem bhala xufier mal-kumpanija Arriva bejn tmienja jew disa' xhur. Kien jahdem sitt ijiem f'gimgha. Is-sistema kienet li kull xufier kellu numru tieghu personali, fl-kaz tieghu kien 4566. Kif tistartja t-trakk u tohrog mill-Belt taghfas in-numru u l-kaxxa tinfetah. Meta tlesti mis-shift sal-break terga' taghmel l-istess numru biex tinhareg ircevuta kemm tkun bieghejt. Izzomm l-ircevuta ghandek. Wara l-brejk terga' ddahhal in-numru tieghek. Wara xi xahrejn l-pin inbidel ghal tmien numri ossija zewg pin numbers ghaliex bdew jindunaw li kien hemm min qieghed juza' numru ta' haddiehor. Kif tlesti mit-trakk u thallih id-depot, ix-xufier jitfa' l-flus fil-kaxxa u tinhareg ircevuta tal-gurnata. Imbaghad imur wara l-counter bit-time-sheet li jkun fiha ta' hmistax-il gurnata. Jiffirmawlek x'hin bdejt u x'hin spiccajt u turih l-ircevuta kemm bieghejt u jiffirmalek u jekk ikun hemm in-nieqes jigbidlek l-attenzjoni. Inkwantu ghall-karti li huwa ffirma l-imputat jixhed li wara xahrejn Carmen Galea baghtitlu karta biex imur Hal Qormi. Hija qaltlu li kellu jaghti lill-kumpanija ammont ta' flus madwar elf u fuqhom. Huwa qalilha li kien idepozita kollox izda hija qaltlu li jekk ma jiffirmax kien se jitkecca. Qal li huwa ma jafx jaqra u ffirma u baqghet sejra hekk l-istorja. Huwa qal li ffirma ghaliex ma riedx jitkecca mix-xoghol u bdiet tghidlu wkoll li kellu cans ta' habs. Fl-ahhar huwa qalilha li ma kienx se jiffirma aktar, li setghu jkeccuh u semmai jitkellmu l-Qorti. Qal li meta kien imur jiffirma dawn il-karti kien isir quddiem Carmen Galea u Patrick Cassar. Cahad li nghata kopji tal-karti li ffirma. Qal li hija ma kinitx ittih karti biex ikun jista' jiccekkja l-affarijiet. Qal li kienu qatghulu madwar elfejn euro mill-paga. Ghalkemm gie offrut lilu li jibqa' jhallas mitejn euro fix-xahar huwa rrifjuta ghaliex jichad li ha l-flus. Qal li l-kumpanija kellha tahwid kbir. Qal li kien facli li xufier iehor jaghfas il-pin number ta' haddiehor u b'hekk ikun jista' jdahhal il-flus.

Xehed ukoll **Alexander Schembri**[15], depot manager mal-Malta Public Transport, izda fiz-zmien kienet dispatcher u wara depot supervisor. Huwa gharaf il-firma tieghu fuq uhud mill-pagni li jifformaw Dok CG8. Huwa spjega li meta kienu jiffirmaw dak iz-

---

[13] Seduta tal-15 ta' Frar 2017

[14] Seduta tas-7 ta' Mejju 2018

[15] Seduta tat-22 ta' Ottubru 2018

zmien (ghaliex issa l-proceduri nbidlu hafna) dak kien ifisser li x-xufier hadem minn certu hin sa hin u li ghamel xi tip ta' depozitu. Kull xufier li jillogja fit-ticket machine tat-trakk minn x'hin sa x'hin johrog jindikalu kemm ikun biegh biljetti. Huwa li kien jiccekkja kien li c-chit jaqbel ma' dak li jiddepozita. Dak il-hin pero' ma kienux jaccertaw li d-depozitu li kien qieghed isir kien ikopri l-bejgh tal-biljetti kollha tal-gurnata. Imbaghad dak jigi vverifikat Hal Qormi. Huwa spjega li jekk ghall-argument xufier hadem mill-05:00 u spicca f'12p.m u rega' hadem mis-13:00 sal-22:00 u jurih biss li hadem wara nofsinhar u dak li kien se jivverifika. Bil-firma tieghu mhux qieghed jafferma l-ezattezza tad-depozitu.

**Jean-Pierre Mifsud**, li fiz-zmien kien dispatcher mat-trasport pubbliku, xehed[16] li huwa kien qieghed jaghraf il-firma tieghu fuq uhud mill-pagni li jifformaw Dok CG8. Spjega li dik kienet time-sheet tax-xoghaol tax-xufier li jkun spicca x-xift tieghu. Dak iz-zmien ix-xufier kien jiddepozita l-flus li johorgu mill-magna tal-biljettu fil-magna. Mistoqsi jekk qabel ma jiffirma kienx isiru xi verifiki bejn il-karti li kien jigi muri, huwa qal li kien hemm zmien fejn ix-xufier kien juri c-chit li ddepozita l-flus izda x-xhud ma kienx iqabbilhom. Il-magna tohrog ircevuta tal-ammont li xufier ikun iddepozita biss u huwa meta jiffirma kien biss b'referenza ghall-ammont li kien iddepozitat. Dak il-hin huwa ma setax jivverifika li x-xufier ikun iddepozita l-ammont li effettivament ikopri l-bejgh kollu tal-gurnata. Qal li kienu jiffirmaw ghal zmien qasir.

**Franco Caruana** xehed[17] li fis-sena 2012 kien jahdem bhala dispatcher mal-kumpanija Arriva. Huwa wkoll gharaf il-firma tieghu fuq uhud mill-pagni li jifformaw Dok CG8. Mill-bqija xehed fuq l-istess binarju taz-zewg xhieda Alexander Schembri u Jean-Pierre Mifsud.

Abbazi tal-provi prodotti, il-Qorti tqis li l-prosekuzzjoni rnexxielha tipprova l-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat sal-grad rikjest mil-ligi. L-imputat cahad li ma ddepozitax il-flus u jibbaza l-argument tieghu li d-dispatchers dejjem iffirmawlu t-time-sheets. Biss pero' kif irrizulta mit-tlett xhieda Alexander Schembri, Jean-Pierre Mifsud u Franco Caruana huma kienu jiffirmaw biss bhala prova li x-xufier hadem u li ddepozita xi flus. Izda huma ddikjaraw li ma kellhomx mezz sabiex *a tempo vergine* jivverifikaw u jaccertaw li l-ammont depozitat kien jekwivali ghall-bejgh kollu tal-gurnata. Inoltre' gew ezebiti d-dokumenti kollha li juru l-bejgh li sar fis-shift tal-imputat. Dawn id-dokumenti gew prezentati u kkonfermati bil-gurament minn Carmen Galea. Prova indizjarja wkoll huma d-diversi dokumenti li gew iffirmati mill-imputat fejn fihom jammetti li kellu jaghti flus lill-kumpanija Arriva. L-imputat ma jichadx li ffirmahom izda jsostni li Carmen Galea kienet tghidlu biex jew jiffirma jew jitkecca. Il-Qorti kieku kellha temmen din l-asserzjoni kienet tikkoncedi li ghall-ewwel seta' gara

[16] Seduta tat-22 ta' Ottubru 2018

[17] Seduta tat-22 ta' Ottubru 2018

hekk izda ma temminx li l-imputat baqa' jiffirma bil-biza' li jitkecca meta kellu kull opportunita' li jfittex parir professjonali.

Il-Qorti abbazi ta' tali provi ma ssibx li l-versjoni moghtija mill-imputat hija wahda kredibbli. Din il-Qorti kemm abbazi ta' Dok CG8 - fejn allura gie prezentat rendikont tal-biljetti mibjugha mill-imputat sakemm hadem ta' xufier - u x-xhieda ta' Schembri, Mifsud u Caruana m'ghandhix dubju li l-imputat ma kienx jiddepozita l-flus kollha tal-gurnata. L-imputat xehed li kwalunkwe xufier seta' jaghmel uzu mill-kodici uniku moghti lil kull xufier impjegat mal-kumpanija Arriva sabiex ikun jista' jopera kemm il-magna li tistampa l-biljetti kif ukoll il-magna li fiha jigu depozitati l-flejjes iggenerati matul is-*shift* tax-xufier in kwestjoni. Jekk l-imputat kellu xi dubju li l-kodici tieghu kien qieghed jintuza minn xufier iehor, huwa seta' jigbed l-attenzjoni tad-dirigenti tal-Arriva. L-imputat fi kwalunkwe kaz ma rnexxilux jipprova tali asserzjoni sal-grad tal-probabbli.

Jibqa' issa l-kwistjoni tal-ammont li ma giex depozitat mill-imputat. Mid-dokumenti ezebiti minn Carmen Galea jirrizulta li matul il-perjodu li l-imputat hadem mal-kumpanija kien hemm bejgh ta' €13,601.20[18]. F'dan l-ahhar dokument m'hemmx indikat kemm lahaq iddepozita l-imputat fl-ahhar hmistax tal-impjieg tieghu. Il-Qorti setghet tasal ghall-ammont iddepozitat u dak li ma giex depozitat biss mid-dokument Dok CG7. Minn dan id-dokument jirrizulta li l-ammont li l-imputat ma ddepozitax u mehud in kunsiderazzjoni l-ammont ta' €650 li diga' tnaqqaslu mill-paga tieghu jifdal l-ammont ta' €6,342.59.

**Piena**

Inkwantu ghall-piena li ghandha tigi erogata din il-Qorti qeghda tiehu in kunsiderazzjoni n-natura tar-reat, ic-cirkostanzi tal-kaz u l-fedina penali tal-imputat. Tqis li ghandha tikkundanna lill-imputat ghal sentenza ta' prigunerija li pero' tigi sospiza.  Inoltre' se tordna lill-istess imputat jirrifondi l-ammont mizapproprjat.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti wara li rat l-artikoli 18, 293, 294 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal tmintax-il xahar prigunerija li bl-applikazzjoni tal-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qeghdin jigu sospizi ghal tlett (3) snin.

[18] Dok CG 8 (mill-31/12/2011 sat-3/04/2012 biegh €6,254.10; u mill-4/04/2012 sat-13/08/2012 biegh €7,347.10)

Inoltre’ a tenur tal-artikolu 532A  tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tordna lil Josemar Borg jirrifondi l-ammont ta’ €6,342.59 lil Transport Malta fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti spjegat lill-hati l-konsegwenzi jekk huwa jikkometti reat waqt il-perjodu operattiv ta’ din is-sentenza.

**Dr Josette Demicoli**
**Magistrat**